MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Numru. 133/2011

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Bernice Camilleri, bint Angelo, imwielda Pieta' fil-31 ta' Lulju, 1989, Karta ta' l-Identita numru 353789(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli fit-13 ta' Awwissu, 2010 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data ġewwa Ħaz-Zabbar u ġewwa dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi write ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama' jew biża' ta' xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ ta'

€362.17 għad-dannu tal-Bank of Valletta u/jew persuni jew entitajiet oħra;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi approporjat ruħha, billi dawwreet bi profit għaliha jew għal persuna oħra s-somma ta’ €362.17 liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-dannu tal-Bank of Valletta u/jew persuni jew entitajiet oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Ottubru, 2011 fejn l-imputata ħallset l-ammont dovut lill-Bank of Valletta u ammettiet l-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha minn tali akkuża. Issibha ħatja tal-ewwe akkuża miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------